DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' April 2007

dwar l-irtirar mis-suq ta' prodotti derivati minn GA21xMON810 (MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6) qamħirrun

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1810)

(It-testijiet Olandiżi u Franċiżi biss huma awtentiċi)

(2007/308/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(6) u 20(6) tiegħu,

Billi:

(1) Il-prodotti derivati minn GA21xMON810 (MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6) qamħirrun ġew innotifikati bħala l-prodotti eżistenti minn Monsanto Europe S.A (minn issa 'il quddiem "in-notifkant") taħt l-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 20(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 (minn issa 'il quddiem "ir-Regolament") u tniżżlu fir-Reġistru Komunitarju dwar l-ikel u l-għalf modifikat ġenetikament. L-ambitu tan-notifika jkopri addittivi ta' l-ikel, materjali ta' l-għalf u addittivi ta' l-għalf prodotti minn MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun.

(2) Ma ngħata l-ebda kunsens għat-tqegħid fis-suq ta' żrieragħ minn MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun fil-Komunità. In-notifikant ta' MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun, f'ittra lill-Kummissjoni ddatata l-1 ta' Marzu 2007, indika li l-2005 kienet l-aħħar sena ta' bejgħ kummerċjali approvat ta' żrieragħ ta' MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun fuq bażi globali.

(3) In-notifikant indika wkoll lill-Kummissjoni li ma għandu l-ebda intenzjoni li jibgħat applikazzjoni għat-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni ta' prodotti derivati minn MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun taħt ir-Regolament skond it-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 8(4), l-Artikolu 11, it-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 20(4), u l-Artikolu 23 rispettivament. Għalhekk prodotti derivati minn MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun ma jistgħux jitpoġġew fis-suq fil-Komunità wara t-18 ta' April 2007.

(4) Miżuri sabiex jiġi assigurat l-irtirar effettiv mis-suq ta' żrieragħ ta' MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun mhumiex meħtieġa minħabba li dawn iż-żrieragħ ma jistgħu qatt jitpoġġew legalment fis-suq fil-Komunità. Minħabba li n-notifikant waqaf ibigħ iż-żrieragħ ta' MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun wara l-istaġun tat-tħawwil ta' l-2005, ħażniet ta' prodotti derivati minn MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun intużaw u mhumiex mistennija li jkunu preżenti fis-suq wara t-18 ta' April 2007. Madankollu, traċċi żgħar ta' MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun jistgħu jibqgħu preżenti fi prodotti ta' l-ikel jew ta' l-għalf għal ċertu perjodu ta' żmien.

(5) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, huwa għalhekk meħtieġ li jkun hemm perjodu tranżitorju ta' żmien li tulu prodotti ta' l-ikel jew ta' l-għalf jista' jkollhom tali materjal mingħajr ma jiġu kkunsidrati li jiksru l-Artikolu 4(2) jew l-Artikolu 16(2) tar-Regolament fejn din il-preżenza hija aċċidentali jew teknikament inevitabbli.

(6) Il-livell ittollerat u l-perjodu ta' żmien għandhom jiġu stabbiliti waqt li jitqies iż-żmien meħtieġ sakemm innuqqas ta' disponibbiltà taż-żrieragħ jipproduċi l-effetti tiegħu f'kull parti tal-katina ta' l-ikel u ta' l-għalf. Fi kwalunkwe każ, il-livell ittollerat għandu jibqa' taħt il-limitu ta' l-ittikkettjar u ta' traċċabilità ta' mhux aktar minn 0.9 % stipulat bir-Regolament għall-preżenza aċċidentali jew teknikament inevitabbli fil-materjal modifikat ġenetikament fl-ikel u fl-għalf.

(7) L-iskrizzjonijiet fir-Reġistru Komunitarju dwar l-ikel u l-għalf modifikat ġenetikament, kif stipulat fl-Artikolu 28 tar-Regolament, fir-rigward ta' MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun għandhom jiġu mmodifikati sabiex iqisu din id-Deċiżjoni.

(8) In-notifikant ġie kkonsultat dwar il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1981/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 99).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-preżenza ta' materjal prodott minn MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun fi prodotti ta' l-ikel jew ta' l-għalf innotifikati taħt l-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 20(1)(b) tar-Regolament għandha tiġi ttollerata sa 5 snin wara d-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni:

(a) dan sakemm din il-preżenza tkun aċċidentali jew teknikament inevitabbli; kif ukoll

(b) fi proporzjon ta' mhux aktar minn 0.9 %.

Artikolu 2

L-iskrizzjonijiet fir-Reġistru Komunitarju dwar l-ikel u l-għalf modifikat ġenetikament, kif stipulat fl-Artikolu 28 tar-Regolament, fir-rigward ta' MON-ØØØ21-9xMON-ØØ81Ø-6 qamħirrun għandhom jiġu mmodifikati sabiex titqies din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Monsanto Europe S.A., Scheldelaan 460, Haven 627, B - 2040 Antwerp, il-Belġju, li tirrapreżenta lil Monsanto Company, l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' April 2007

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni